**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 296/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fit-13 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Settembru, 2003 (certifikat taz-zwieg anness bhala Dokument A)

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 29 ta' Novembru, 2005, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Robert John Muscat (kuntratt anness bhala Dokument B).

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn tnax-il sena.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi skond l-Artikolu 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali citat il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt rispettiv ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Ra li fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2018, l-intimata dehret u m'opponitx ghal istess divorzju.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Novembru, 2005 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

It-terminu ghall-appell minn din is-sentenza qed jigi abbrevjat ghal jum, bi qbil bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**